## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **165/2023 (AD)**

**JOSEPH CASHA (KI 283454M)**
**MARYANNE PORTELLI (KI 336357M)**
**ANTHONY CASHA (KI 717062M) U**
**LORRAINE BONNICI (KI 166570M)**

**vs**

**DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, sitta (06) ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti **Joseph Casha et** ippremettew:

a. *Illi l-esponenti huma lkoll ahwa, ulied il-mejtin John Reginald Casha u Michelina Casha xebba Puli;*

b. *Illi Michelina Casha xebba Puli, ghaddiet ghal hajja ohra nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elejn u tnejn u ghoxrin (23/12/2022);*

c. *Illi meta l-esponenti Anthony Casha mar biex jiddenunzja l-mewt ta' ommu fir-Registru Pubbliku, huwa gie infurmat illi ommu kienet irregistrata bhala Pulo;*

d. *Illi peress illi Michelina Casha dejjem uzat kunjomha Puli fi xbubitha, u dejjem kienet maghrufa bhala Puli, u peress illi l-esponenti stess fic-certifikati tat-twelid taghhom huma indikati bhala ulied Michelina xebba Puli, huma ma hassewx lil kien xieraq illi ommhom deceduta tkun registrata bhala xebba Pulo;*

e. *Illi fil-fatt, kif jirrizulta mill-estratti tat-twelid tal-eponenti tar-Registru Pubbliku u mill-fidi tal-maghmudija taghhom, huma lkoll indikati bhala ulied John Reginald Casha u Michelina Casha xebba Puli;*

f. *Illi jirrizulta ukoll illi fl-estratti tat-twelid tar-Registru Pubbliku, hut Michelina Casha, u cioe iz-zijiet tal-esponenti, Maria, Salvina, Carmel, Doris u Helen huma lkoll indikati bhala ulied Giuseppe Puli u Giovanna Puli xebba Mallia, filwaqt illi Michelina, omm l-esponenti hija indikata bhala bint Giuseppe Pulo u Giovanna xebba Mallia, filwaqt illi fic-certifikati tal-maghmudija, huma lkoll indikati (Michelina inkluza) bhala ulied Joseph Puli u Giovanna xebba Mallia;*

g. *Illi omm l-esponenti hija indikata bhala Michelina Puli fic-certifikati taz-zwieg taghha ma' John Reginald Casha, kemm tar-Registru Pubbliku u kif ukoll f' dak tal-knisja;*

h. *Illi n-nannu tal-esponenti, u cioe missier ommhom Michelina, huwa indikat bhala Joseph Puli kemm fic-certifikat tal-maghmudija tal-knisja u kif ukoll fic-certifikat taz-zwieg tal-knisja;*

2. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tordna l-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-att tat-twelid ta' Michelina Casha xebba Puli bin-numru 4440 tas-sena 1932 u fuq kull att ieħor tal-istat ċivili fejn Michelina Casha mhijiex indikata bħala xebba Puli, b'dan li kull fejn kunjom Michelina jidher miktub 'Pulo' dan għandu jiġi mħassar u sostitwit bil-kunjom 'Puli', u dan għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;

(iii) Tordna għall-finijiet tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din il-Qorti u fiż-żmien stipulat f'dan l-Artikolu, hu jiġi ordnat sabiex jagħmel it-tibdiliet meħtieġa fl-atti tal-istat ċivili msemmija fil-paragrafi preċedenti;

(iv) Tagħti kwalunkwe provvediment ieħor lli din il-Qorti jihdrilha xieraq u opportun skont il-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat;

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat **Direttur tar-Reġistru Pubbliku**, illi eċċepixxa:

   a. *Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;*

   b. *Illi preliminarjament, r-rikorrenti irridu jippreżentaw prova tal-mewt ta' ommhom Michelina Casha stante li l-mewt tagħha għadu sal-mument tar-risposta mhux reġistrat;*

   c. *Illi magħdud ma dan, stante li r-rikorrenti qegħdin jaġixxu għad-defunta ommhom Michelina Casha xebba Puli, huma għandhom jipprezentaw prova li huma effettivament l-eredi ta' l-istess Michelina Casha u li għalhekk jistgħu jipproċedu bil-kawza odjerna;*

   d. *Illi preliminarjament ukoll, għandu jingħad illi mar-rikors ġuramentat kellha tiġi pprezentata vera kopja fl-intier tagħha tal-Att tat-Twelid* ***4440/1932*** *u mhux biss estratt stante li talba għal-korrezzjoni fil-kolonni tal-estratt mhux neċċessarjament jirrispekkjaw l-kolonni li effettivament huma fuq l-Att tat-Twelid originali;*

   e. *Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat salv dak li ġej;*

   f. *Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, innumerat* ***4440/1932****, vera kopja ta' liema qegħda tiġi annessa u mmarkata* ***<u>Dok. DRP 1</u>****, jirriżulta illi*

*id-defunta Michelina Casha xebba Puli twieldet nhar id- 29 ta' Ġunju 1932 f'Malta lil Giuseppe Pulo u Giovanna moglie del detto Giuseppe Pulo fiż-żwieġ.*

g. *Illi fiż-żmien li ġie reġistrat l-Att tat-Twelid il-kunjom tal-wild ma kienx jinkiteb fuq it-tali Att iżda biss il-kunjom tal-ġenituri li f'dan il-każ kien iddikjarat mill-missier bħala* <u>*Pulo*</u>*.* <u>*L-istess missier kien iddikjara wkoll li ma jafx jikteb u għalhekk iffirmaw l-istess Att żewġ xhieda,*</u> *dan kif jirriżulta mill-istess Att tat-Twelid anness ma' din ir-risposta.*

h. *Illi għalhekk jekk intuza xi kunjom fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-twelid differenti minn dak li effettivament kienu magħrufa u minn dejjem ikkunsidrati bih il-familja tar-rikorrenti, dan mhuwiex frott jew ħtija tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.*

i. *Illi l-esponent jikkonferma illi meta omm ir-rikorrenti Michelina żżewġet lil missier l-atturi, kunjom xbubitha kif ukoll kunjom missierha, li jigi n-nannu matern tal-atturi, gie indikat bhala 'Puli' u mhux bħala 'Pulo'. Dan jista' jigi vverifikat mill-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv 834/1953, vera kopja annessa u mmarkata* <u>***Dok. DRP 2***</u>*. Tajjeb jingħad illi fl-Att tal-Mewt ta' missier Michelina ossia Giuseppe Pulo, huwa ġie imniżżel bħala Giuseppe Pulo "known as Puli", vera kopja tal-Att annessa u mmarkata* <u>***Dok. DRP 3.***</u>

j. *Illi in vista tal-premess l-esponent jirrimetti ruħu għat talbiet tar-rikorrenti salv li l-Qorti tkun sodisfatta illi omm l-atturi verament kienet magħrufa bil-kunjom Puli, bhala kunjom xbubitha u salv dan li ġej:*

k. *In kwantu għat-tieni talba, peress illi fis-sena 1932, fl-Att tat-Twelid, kunjom il-wild ma kienx ikun inkluż stante li l-wild dejjem kien jieħu*

*kunjom l-missier,* ***kunjom id-defunta Michelina jista jiġi korrett biss permezz ta' annotazzjoni ġenerali.*** *Illi tajjeb li jingħad illi tali emmenda fl-Att tat-Twelid ta' Michelina ma jibdilx kunjom missiera li huwa mnizzel bħala Giuseppe Pulo. Konsegwentament, dan ifisser illi riżultat ta' dan it-tibdil, filwaqt li Michelina tkun imnizzla b'kunjom xbubitha Puli fuq l-Att tal-Mewt, il-ġenituri tagħha xorta jibqgħu jidru bħala 'Pulo' fuq dan l-Att.*

l. *Illi magħdud ma' dan, in kwantu għat-tieni talba, sa fejn qiegħed jintalab illi f'kull att iehor tal-istat civili fejn Michelina Casha mhijiex indikata bħala xebba Puli imma bħala Pulo għandu jinbidel, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti jridu jispeċifikaw liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;*

m. *Illi di piu', u bla ħsara għall-premess, tali tibdil jista' jsir biss f'atti ta' stat civili li huma responsabilita' tad-Direttur intimat u cioe' limitatament għall- Atti ta' Twelid, Atti ta' Zwieg, Atti ta' Stat Civili u Atti tal-Mewt;*

n. *Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*o. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

4. Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol 42 tal-proċess;

5. Rat id-digriet tagħha stess mogħti waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, illi permezz tiegħu laqgħet it-talba magħmula mir-rikorrenti, mhux opposta mill-intimati, sabiex issir korrezzjoni fir-rikors promotur, preċiżament fit-tieni talba, b'dana illi ġew kanċellati l-aħħar żewġ linji u sostitwiti bil-kliem *"issir annotazzjoni ġenerali fiċ-ċertifikat tat-twelid, b'dan illi l-kunjom għandu jkun Puli minflok Pulo"*;

6. Rat id-digriet tagħha stess mogħti waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2023, illi permezz tiegħu laqgħet it-talba magħmula mir-rikorrenti, mhux opposta mill-intimati, sabiex issir korrezzjoni ulterjuri fir-rikors promotur, preċiżament fit-tieni talba, b'dana illi fit-tieni linja tat-tieni talba tar-rikors promotur jiżdiedu l-kliem *"li jinkludi ċ-ċertifikat tal-mewt tagħha bin-numru progressiv tal-att 1048/2023"* wara l-kliem *"l-att tat-twelid ta' Michelina Casha xebba Puli bin-numru 4440 tas-sena 1932 u wkoll f'kull att ieħor tal-istat ċivili"*;

7. Rat l-atti u d-dokumentazzjoni esebiti;

**Ikkunsidrat:**

8. Illi fil-mertu, il-Qorti rat:

   a. Iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Michelina Casha (bin-numru progressiv 1048/2023) (a fol 50-51 tal-proċess) u t-testment pubbliku pubblikat

fl-atti tan-Nutar Dottor Luke Caruana nhar l-ewwel (1) ta' Marzu 2017, illi permezz tiegħu Michelina sive Lina Casha kienet ħatret lil Joseph Casha eredi universali tagħha (vide **Dok TC1** a fol 45-46 tal-proċess);

b. Iċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' Michelina Casha, illi fih ġiet indikata b'kunjom xbubitha bħala *'Puli'* (vide **Dok DRP2** a fol 38 tal-proċess);

c. Iċ-ċertifikat tal-mewt ta' missier Michelina Casha illi fih missierha Giuseppe ġie indikata bħala *'Pulo known as Puli'* (vide **Dok DRP3** a fol 39 tal-proċess);

d. L-estratti mill-Atti tat-Twelid ta' ħut Michelina Casha, illi fihom ħutha ġew kollha indikati bħala wlied Giuseppe Puli u Giovanna Puli nee Mallia (vide **Dok AC3** a fol 13 *et seq* tal-proċess);

e. Iċ-ċertifikati tal-Magħmudija ta' ħut Michelina Casha, illi fihom ħutha ġew kollha indikati bħala wlied Joseph Puli u Giovanna nee Mallia (vide **Dok AC4** a fol 18 *et seq* tal-proċess);

f. Iċ-ċertifikat tal-Magħmudija u taż-Żwieġ ta' missier Michelina Casha, illi fih ismu ġie indikat bħala Joseph Puli, u mhux Pulo (vide **Dok AC7** a fol 27-28 tal-proċess);

g. L-estratti mill-Atti tat-Twelid ta' wlied Michelina Casha, illi fihom hija ġiet indikata bħala *'Michelina Casha at birth Puli'* (vide **Dok AC1** a fol 5 *et seq* tal-proċess);

9. Il-Qorti rat ukoll illi, fl-għaxar paragrafu tar-risposta tiegħu, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrimetta ruħu għat-talbiet tar-rikorrenti salv li l-Qorti tkun sodisfatta illi omm l-atturi verament kienet magħrufa bil-kunjom Puli bħala kunjom xbubitha;

10. Meqjusa l-provi kollha in atti fl-assjem tagħhom, il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata, u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decide**

11. Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna billi:

(i) Tiddikjara illi l-ewwel talba rikorrenti ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża odjerna;

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba rikorrenti, kif korretta permezz tad-digrieti tat-28 ta' Marzu 2023 u tad-9 ta' Mejju 2023, b'dana illi tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid ta' Michelina Casha xebba Puli bin-numru 4440 tas-sena 1932 u fuq kull att ieħor tal-istat ċivili, li jinkludi ċ-ċertifikat tal-mewt tagħha bin-numru progressiv tal-att 1048/2023, fejn Michelina Casha mhijiex indikata bħala xebba Puli, u ssir annotazzjoni ġenerali fiċ-ċertifikat tat-twelid b'dan illi l-kunjom għandu jkun *Puli* minflok *Pulo*;

(iii) **<u>Tilqa</u>'** t-tielet talba rikorrenti u tordna illi l-intimat jiġi notifikat b'vera kopja ta' din is-sentenza, u jagħmel il-korrezzjonijiet kif ordnati permezz ta' din is-sentenza fi żmien għaxart (10) ijiem minn dakinhar illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat;

(iv) **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni.

Minħabba n-natura ta' din il-kawża, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**